**QORTI TAL-MAGISTRTI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Alex P. Miruzzi)

**vs**

**Anthony sive Antoine Gauci**

Illum 22 ta` Novembru 2000.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Anthony sive Antoine Gauci, ta` 23 sena, bin Charles u Mary anne nee` Zammit, imwieled Pieta` fl-1 ta` Marzu 1977 u joqghod Flat 2, Blokk 1, Entratura B, Hal-Farrug, Luqa, ID 149977 (M):

**1.** Talli fit-2 ta` Lulju 2000 ghall-habta tal-erba` ta` filghodu, fl-Isptar San Luqa, b`mezzi xort`ohra minn dawk imsemmija fl-Artikoli ta` qabel is-sub-titolu IV tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew

immobbli, fl-Isptar San Luqa, ghad-dannu tal-Gvern ta` Malta, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50 pero` inqas minn Lm100.

**2.** Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta` l-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jigifieri fost l-ohrajn ta` PS 177 Anthony Armeni, PC 1066 Anthony Guillaumier, Hospital Security Officers Joseph Bonanno u Raymond bonnici, u tal-SRN`s Frances Borg u Victoria Rausi, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b`xi mod iehor, bla jedd, indahal fid-dmirijiet taghhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel li b`ligi jkun ordnat jew jista` jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak lihaddiehor ikun ghamel sknd il-ligi, jew b`xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disobbedjenza jew dan l-indhil ma kienx jaqa` that id-dispozzjoni ohra tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali jew ta` ligi ohra.

**3.** Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghad li kien xurban, qal fil-pubbiku xi kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b`mod iehor li mhux provdut f`din il-Kodici, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika.

**4.** Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b`xo mod iehor mhux imsemmi band`hra fil-Kodici Kriminali,

Kapitolu 9 tal-ligijiet ta` Malta, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

**5.** Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f`lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra, b`mod li ma kienx jista` jiehu hsieb tieghu innifsu.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-akkuza dedotta kontra tieghu u ghadaqstant tinsab sodisfacentement provati.

Ghaldaqstant issib l-imputat hati u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien sena mill-lum, a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152, u li joqghod ghal kull ordni u taht is-supervizjoni tal-Probation Officer Marietta Lanzon.

In oltre tordnalu biex ihallas l-ispiza ta` sittin lira maltin (Lm60) bhala kumpens tal-hsara  li ghamel fl-Isptar San Luqa, lid-Dipartiment tas-Sahha.

Il-Qorti spjegat f`termini cari is-sinifikat tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152.

Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

Vera kopja

L Spiteri Bailey

Dep Reg.